**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI STRUTTORJA**
**MAGISTRAT DR.YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**Illum 14 ta' Gunju 2025**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Dragnea Gilbert-Leonard**
**Rusen Cezar-Adrian**

Il-Qorti
Rat illi l-imputat:

**Dragnea Gilbert-Leonard** ta' 29 sena imwieled ir-Rumenija nhar il-15/07/1995, residenti ġewwa Flat A, 35, Carmelo De Lucca, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-Identita' Rumena bin-numru SZ571299

U

**Rusen Cezar-Adrian** ta' 35 sena imwieled ir-Rumenija nhar l-20/01/1990, residenti ġewwa Flat A, 35, Carmelo De Lucca, San Pawl il-Bahar u detentur tal-passaport Rumen bin-numru 056956907.

Akkuzati talli nhar is-Sebgha ta' Gunju 2025 għall-ħabta ta' bejn il-Ħamsa ta' wara nofsinhar (1700HRS) u s-sitta ta' filgħaxija (1800HRS), u l-Għaxra (10) ta' Gunju 2025 għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (1400HRS) u t-Tlieta ta' wara nofsinhar (1500HRS) ġewwa Ħal-Qormi u/jew postijiet oħra fil-Gżejjer Maltin,

1. Nakkuzahom talli għamiltu ċertifikat falz u/jew dikjarazzjoni falza, meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorita';

2. Kif ukoll nakkuzahom talli sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument li mhuwiex maħsub għal xi awtorita pubblika, xjentement għamiltu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħtu tagħrif falz;

3. Kif ukoll nakkuzak talli xjentement għamilt użu minn wieħed mid-dokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan;

4. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamiltu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejtu ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi grajja kimerika, għamiltu qliegħ bi ħsara ta' Charlotte Formosa, detentriċi tal-karta tal-identita' 0115202L, u Diane Bugeja Desain, detentriċi tal-karta tal-identita' 0333582M u/jew persuni u/jew entitajiet oħra liema qliegħ mhux iktar minn ħames mitt euro (€500);

5. Approprijajt ruħek, billi dawwrt bi profitt għalik jew għal persuni oħra, min għandu ta' ħaddieħor li jkun ġie fdata jew ikkunisnata lilek taħt titolu li jġib miegħu tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat. Dan għad dannu ta' Charlotte Formosa, detentriċi tal-karta tal-identita' 0115202L, u Diane Bugeja Desain, detentriċi tal-karta tal-identita' 0333582M u/jew persuni u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Liġi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurtà ta' Charlotte Formosa, detentriċi tal-karta tal-identita' 0115202L, u Diane Bugeja Desain, detentriċi tal-karta tal-identita' 0333582M biex tinżamm l-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaguna biża' ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputati iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant filwaqt li qed nesebixxi l-fedina penali u rapport tal-NPS tal-imputati, nitlob li dan il-każ jiġi investigat skond il-liġi.

Rat illi fl-14 ta' Gunju inqraw l-akkuzi bil-gurament.
Semghet l-imputati jammettu l-imputazzjonijiet waqt l-ezami.
Rat l-Artikoli 185(2), 188(2), 186, 308, 309, 310(1)(c), 293, 294, 310(1)(c) u 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Rat l-atti u dokumentazzjoni kollha tal-kaz.
Semghet it-tratazzjoni.

**Ikkunsidrat**

L-akkuzati ammettew l-ħtija fl-istadju bikri ta' dawn il-proċeduri u kkolaboraw mal-Pulizija.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 185(2), 188(2), 186, 308, 309, 310(1)(c), 293, 294, 310(1)(c) u 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

Tikkundanna lil Dragnea Gilbert-Leonard sentejn habs sospizi ghal erba' snien ai termini tal-Artiklu 28A tal-Kapitlu 9 ta' Ligijiet ta' Malta.

Tikkundanna lil Rusen Cezar-Adrian sentejn habs sospizi ghal erba' snien ai termini tal-Artiklu 28A tal-Kapitlu 9 ta' Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-poteri u konsegwenzi tal-Artiklu 28A tal-Kapitlu 9 ta' Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll sabiex l-imputati ggarbu l-ispejjeż kollha tal-esperti li ġew appuntati mill-Qorti.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**